DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1036

tat-22 ta' Ġunju 2021

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1113 fir-rigward tad-detentur tal-awtorizzazzjoni u r-rappreżentant tiegħu fl-Unjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti magħmulin mill-pitravi ħelu ġenetikament modifikat tat-tip H7-1

(notifikata bid-dokument C(2021) 4325)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(It-testi bl-Olandiż u bil-Ġermaniż biss huma awtentiċi)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 21(2) tiegħu,

Billi:

(1) Bayer Agriculture BVBA, ibbażata fil-Belġju, hija r-rappreżentanta fl-Unjoni ta' Monsanto Company, ibbażata fl-Istati Uniti, fejn jikkonċerna l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti magħmula mill-pitravi ħelu ġenetikament modifikat tat-tip H7-1 skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1113 ([2]). KWS SAAT SE, ibbażata fil-Ġermanja, hija d-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-pitravi ħelu ġenetikament modifikat tat-tip H7-1, awtorizzat b'dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(2) Permezz ta' ittra datata t-28 ta' Lulju 2020, Bayer Agriculture BVBA infurmat lill-Kummissjoni li mill-1 ta' Awwissu 2020 tikkonverti l-forma ġuridika tagħha u se tbiddel isimha għal Bayer Agriculture BV.

(3) Permezz ta' ittra datata t-28 ta' Lulju 2020, Bayer Agriculture BVBA infurmat lill-Kummissjoni li mill-1 ta' Awwissu 2020 Monsanto Company tikkonverti l-forma ġuridika tagħha u se tbiddel isimha għal CropScience LP.

(4) Il-bidliet mitluba huma purament amministrattivi fin-natura tagħhom u għalhekk ma jeħtiġux valutazzjoni ġdida tal-prodotti kkonċernati.

(5) Permezz ta' ittra datata l-10 ta' Awwissu 2020, il-Kummissjoni infurmat lil KWS SAAT SE dwar il-bidliet mitluba. Permezz tal-ittra tad-9 ta' Diċembru 2020, KWS SAAT SE infurmat lill-Kummissjoni li taqbel mal-modifikazzjonijiet proposti.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1113 tiġi emendata skont dan.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1113

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1113 hija emendata kif ġej:

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1113 tat-3 ta' Awwissu 2018 li ġġedded l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' ikel u għalf magħmulin mill-pitravi ħelu ġenetikament modifikat tat-tip H7-1 (KM-ØØØH71-4), skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 203, 10.8.2018, p. 32).

(1) Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Bayer CropScience LP, rappreżentata fl-Unjoni minn Bayer Agriculture BV,";

(2) Fl-Artikolu 8, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Bayer CropScience LP, 800 N, Lindbergh Boulevard, St. Louis, Missouri 63167, l-Istati Uniti tal-Amerika, rappreżentata fl-Unjoni minn Bayer Agriculture BV, Scheldelaan 460, 2040 Antwerp, il-Belġju.";

(3) Fl-Anness, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Applikanti u detenturi tal-awtorizzazzjoni:

Isem: KWS SAAT SE

Indirizz: Grimsehlstrasse 31, 37574 Einbeck, il-Ġermanja

kif ukoll

Isem: Bayer CropScience LP

Indirizz: 800 N, Lindbergh Boulevard, St. Louis, Missouri 63167, l-Istati Uniti tal-Amerika

Rappreżentata fl-Unjoni minn Bayer Agriculture BV, Scheldelaan 460, 2040 Antwerp, il-Belġju."

Artikolu 2

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil:

(a) KWS SAAT SE, Grimsehlstrasse 31, 37574 Einbeck, il-Ġermanja, u

(b) Bayer CropScience LP, 800 N, Lindbergh Boulevard, St. Louis, Missouri 63167, l-Istati Uniti tal-Amerika, rappreżentata fl-Unjoni minn Bayer Agriculture BV, Scheldelaan 460, 2040 Antwerp, il-Belġju.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni